Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.11114 – SWOCTEM / KLÖCKNER)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2023/C 317/11)

1. Fil-31 ta' Awwissu 2023, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— SWOCTEM GmbH ("SWOCTEM", il-Ġermanja), ikkontrollata mill-Prof. Dr.-Ing. E.h. Friedhelm Loh,

— Klöckner & Co SE ("Klöckner", il-Ġermanja).

SWOCTEM se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' Klöckner.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— SWOCTEM hija kumpanija azzjonista li hija proprjetà u kkontrollata b'mod esklużiv mill-Prof. Dr.-Ing. E.h. Friedhelm Loh li huwa wkoll sid u jikkontrolla il-Friedhelm Loh Group. Friedhelm Loh Group jinkludi portafoll ta' kumpaniji attivi f'firxa ta' setturi, inkluż fost l-oħrajn Stahlo, operatur ta' ċentri tas-servizzi tal-azzar fil-Ġermanja,

— Klöckner hija primarjament attiva fid-distribuzzjoni tal-istokk tal-azzar (inkluż l-azzar inossidabbli), l-aluminju, il-plastik u prodotti industrijali oħra kif ukoll fit-tħaddim ta' ċentri tas-servizzi tal-azzar u ċentri tal-qtugħ bl-ossiġenu.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11114 – SWOCTEM / KLÖCKNER

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË